**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta’ Ġunju 2025**

Rikors Numru: 42/2025 AL

AB

vs

CB u b’digriet tad-19 ta’ Gunju 2025, kunjom l-intimata gie korrett ghal ”D”

(M.R. Numru 1815/2015)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu jesponi:

1. Illi l-Partijiet żżewġu nhar l-Erbgħa ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħmistax (04/07/2015) ġewwa l-Knisja Santa Marija tal-Anġli, f'Bahar iċ-Ċaghaq, limiti tan-Naxxar, Malta (Kopja taċ-Ċertifikat taż-żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.A');

2. Illi minn dan iż-żwieġ tnissel il-Minuri li ġie imwieled proprju nhar is-Sittax ta Diċembru tas-sena Elfejn u Sittax (16/12/2016) ġewwa tal-Qroqq, Limiti tal-Imsida, Malta (Kopja taċ-Ċertifikati tat-twelid tal-Minuri qed jiġi anness u mmarkat bħala DOK.B);

**3. Illi l-Partijiet ilhom separati de jure permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni mit-Tlettin ta' Jannar tas-sena Elfejn Ħamsa u Għoxrin (30/01/2025) lhiema kuntratt ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li huwa fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Micallef Sammut (Kopja tal-Kuntratt tas-Separazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.Ċ');**

**4. Illi l-Partijiet ilhom separati de facto minn Awwissu tas-sena Elfejn Tlieta u Għoxrin (2023);**

**5. Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-Partijiet;**

6. Illi l-manteniment versu l-wild dejjem tħallas u għaldaqstant m'hemm ebda arretrati jew manteniment dovut;

**7. Illi l-Partijiet qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja tagħhom u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;**

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (KAP.16) tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi ma' dan ir-rikors, qed jiġi anness l-Affidavit tal-esponenti nnifsu (Affidavit qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.D');

**Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-Esponent umilment qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar l-Erbgħa ta' Lulju tas-sena Elfejn u

Hmistax (04/07/2015) ġewwa l-Knisja Santa Marija tal-Angli, Bahar iċ-Ċaghaq, limiti tan-Naxxar, Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha tesponi illi:

ILLI l-esponenti taqbel li bejn il-partijiet ma hemm ebda obbligu ta' manteniment naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet u taqbel wkoll li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment ghal iben minuri;

ILLI I-esponenti taqbel wkoll li ma hemmx prospetti ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk l-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni li l-Qorti tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, b'dan illi l-ispejjez tal-proceduri ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent;

ILLI I-esponenti irrivertit ghal kunjom xbubitha u cioe D u ghalhekk dan irid jigi rifless fl-okkju tar-rikors u fid-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti ma toggezzjonax ghal pronunzjament tal-hall taz-zwieg, taht kull provvediment li l-istess Onorabbli Qorti jogghobha timponi.

**Bl-ispejjez.**

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta’ Frar, 2025;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrent rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Jannar 2025 u *de facto* separati minn Awwissu tas-sena 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.